Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 337/2004

**Professur Alex Torpiano (I.D. 836254M), Dr. Dion Buhagiar (I.D. 143958M) u Dr. Marc Bonello (I.D. 743361M) f'isimhon proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta ta' periti TBA Periti**
**(appellanti)**

**vs**

**Jose' Herrera (appellat)**

30 ta' Jannar, 2017.

## Il-Qorti:

Rat **l-Avviz tal-atturi** permezz ta' liema huma talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat prevja d-dikjarazzjoni li hu responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront taghhom minhabba li l-Artiklu tieghu intestat *Deep Water Quay Tender*, li gie ppublikat fil-pagna 11 tal-harga tal-15 ta' Gunju, 2004 tal-gazzetta *The Times*, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-istess atturi u li jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni taghhom. Huma talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkundanna lill-konvenut ihallashom dik is-somma li din il-Qorti tillikwida f'ammont li ma jeccedix il-hamest elf lira (Lm5,000[1]) u dana bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja, malafama u telf u tnaqqis fir-reputazzjoni taghhom b'konsegwenza tal-publikazzjoni ta' l-Artiklu fuq imsemmi u dana a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap. 248. Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Rat **in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut**[2] permezz ta' liema eccepixxa illi (i) l-pretensjonijiet ta' l-atturi l-Professur Alex Torpiano u Dr. Dion Buhagiar huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi dawn lanqas biss gew imsemmija fl-Artiklu in kwistjoni; (ii) ghal dak li jirrigwadja l-attur Dr. Marc Bonello jidher bic-car illi l-eccipjent kien qed jirreferi ghalih fil-kapacita' tieghu *qua* Chairman tal-Awtorita' Marittima ta' Malta li hija pubblika u ghalhekk l-eccipjent ghandu kull dritt li jipprattika l-liberta' tieghu ta' l-espressjoni u jikkritika l-operat ta' din il-persuna bhala *Chairman* ta' din l-Awtorita'; (iii) il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kontenut ta' l-Artiklu in kwistjoni bla ebda mod jingurja, jtellef il-gieh jew ir-reputazzjoni jew b'xi mod iehor jimmalafama lill-atturi; (iv) l-eccipjent qieghed jecepixxi l-verita' tal-fatti hekk kif indikati fl-artikolu miktub minnu; (v) l-artikolu in kwistjoni miktub minnu

[1] €11,646.
[2] Fol 12.

huwa *fair comment* li huwa permissibbli f'kull socjeta' demokratika li thaddan bi shih il-liberta' ta' l-espressjoni.

Rat **is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 t'Ottubru 2012** li laqghet l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u cahdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Dan wara li l-istess Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. Il-lanjanza tal-atturi hija li jhossuhom malafamati fi tlett aspetti dwar l-artikolu in mertu. Dan ghaliex l-awtur jallega li (i) bhala vici *chairman* tal-Awtorita' Marittima u per konsegweza bhala Chairman tal-*Capital Projects Committee* ipprova jarreka xi vantagg lis-socju tieghu l-Prof. Torpiano; (ii) Dr. Bonello kien responsabbli mit-tkeccija ta' Dr. Carmel Chircop, li kien meqjus bhala *whistle blower*, li kien ufficjal legali tal-Awtorita' Marittima; (iii) Dr. Bonello appunta lill-periti tac-*Cirkewwa Imgarr Terminal Project* li kienu ghamlu sottomissjonijiet mas-socji tieghu ghal konsulenza tad-*Deep Water Quay;*

ii. Tajjeb li jinzamm fil-mira illi bit-*tender* jew *expression of interest* jew sejha bi kwalunkwe isem iehor, ir-rebbieh ta' dan l-ezercizzju kien ser ikun nominat konsulent tal-Awtorita' ghat-tiswija tad-*Deep Water Quay*. Kontra dak li irid jaghti x'jifhem Dr. Bonello, mhux minnu li dan kien ezercizzju li ma kienx jitlob ghall-prezzijiet ghaliex certament ir-rebbieh ma kienx ser jaghmel ix-xoghol ta' konsulenza b'xejn ghaliex kien ser jithallas bir-rata fissa pagabbli lil-periti f'Malta. U l-Qorti thoss li dan il-punt ghandu jkun ccarat u sottolineat qabel kull konsiderazzjoni ulterjuri;

iii. Ugwalment importanti ukoll huwa l-fatt illi kieku t-tender intrebah minn TBA Periti u CMC dawk kienu ser jaghmlu xoghol ghall-Awtorita' Marittima ta' Malta li taghha kien *chairman* Dr. Bonello fl-istess waqt hu socju ta' TBA Periti rrespettivament minn jekk Dr. Bonello astjeniex mill-process tal-ghazla. Haga din li ma tistax ma tinzammx bandjerata bl-ahmar tul dawn il-konsiderazzjonijiet;

iv. Kwantu l-eccezzjoni tal-*exceptio veritatis* mqajjma mill-konvenut, dak li qal Dr. Herrera fl-Artiklu tieghu huwa sostanzjalment veru u korrett u dawn l-istess fatti huma sorretti mix-xhieda ta' Dr. Bonello stess. Huma veri fis-sens illi kien jezisti kunflitt ta' interess f'dan l-incident u Dr. Bonello kien laqa' ghalih billi astjena mill-process ta' evalwazzjoni. Ghall-konvenut dan ma kienx bizzejjed u ghalhekk ecepixxa li l-artikolu tieghu jikkostittwixxi *a fair comment* li huwa permissibbli f'kull socjeta' demokratika li thaddan bi shih il-liberta' ta' l-espressjoni;

v. Fl-Artiklu tieghu l-konvenut jippoza diversi domandi biex jistaqsi jekk dan il-process kienx wiehed trasparenti u accettabbli tenut il-kariga tal-attur bhala *chairman* tal-Awtorita' Marittima ta' Malta. Il-Qorti certament mhix ser tinoltra dwar jekk Dr. Bonello kienx korrett jew le bil-mizuri li ha sabiex

jiddikjara l-kunflitt ta' interess li kellu jew jekk setghex ghamel aktar minn hekk ghaliex dak mhux process li ghandu jsir minn din il-Qorti;

vi. Filwaqt li hu rikonoxxut li figura pubblika tista' tkun soggett ta' kritika, anke harxa, daqstant iehor hu rikonoxxut, taht il-profil sostanzjali, illi ma ghandux ikun hemm eccess tal-limiti ta' dak strettament necessarju ghas-sodisfaciment ta' l-interess pubbliku;

vii. Fl-isfond tal-principji gurisprudenzjali applikabbli, il-Qorti tikkonkludi illi l-mistoqsijiet maghmula mill-konvenut fl-artikolu tieghu huma *fair comment* u ma jammontawx ghal malafama u libell ghaliex huma mistoqsijiet legittimi li jistghu isiru lil kull persuna li tokkupa kariga bhal din sabiex tkun accertata trasparenza. L-istess ghandu japplika ghas-sentiment pretiz mill-atturi l-ohra personalment u in rapprezentanza tad-ditta TBA Periti la darba wiehed mis-socji taghhom kien jokkupa l-kargia ta' chairman tal-Awtorita' interessata sabiex takkwista servizzi ta' konsulenza.

viii. L-attur Bonello jilmenta ukoll minn zewg aspetti malafamanti ta' din il-kitba, jigifieri l-partecipazzjoni diretta tieghu fit-tkeccija ta' Dr. Carmel Chircop bhala ufficcjal legali tal-Awtorita' Marittima kif ukoll li kien appunta lill-periti tac-*Cirkewwa-Imgarr Terminal Project* li kienu ghamlu sottomissjonijiet mas-socji tieghu ghal konsulenza tad-*Deep Water Quay*. Izda meta wiehed jaqra l-artikolu ghal diversi drabi ma jsib l-ebda hjiel ta' dawn l-allegazzjonijiet. Dr. Herrera jghid biss illi Dr. Bonello jaf tajjeb illi kien talab lit-tribunal industrijali jipposponi seduta. Dan il-paragrafu ma ghandu l-ebda konnessjoni ma dak ta' qablu jew dak li jikkonsegwi. Minkejja li Dr. Bonello xehed fit-tul dwar dan il-fatt, il-pubblika ma jista' jkollu l-ebda hjiel ghal dak li seta' kien qed jirreferi Dr. Herrera dwar dak li fehem Dr. Bonello la dwar it-tkeccija ta' Dr.Chircop u wisq anqas dwar il-kuntratt tal-moll tac-Cirkewwa.

L-atturi appellaw minn din is-sentenza. Il-konvenut ma ressaqx twegiba bil-miktub izda waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2016 dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravji tal-appellanti.**

L-appell fih tlett argumenti:

a. L-Artiklu miktub mill-appellat, li fil-fehma tal-appellanti huwa libelluz, ma giex analizzat mill-ewwel Qorti fl-interezza tieghu u mill-perspettiva tal-qarrej ordinarju izda b'mod izolat;

b. L-Artiklu huwa libelluz fil-konfront tal-appellanti kollha. Anke jekk l-appellanti l-Prof. Alex Torpiano u Dr Dion Buhagiar ma ssemmewx fl-artiklu in ezami, il-libell fil-konfront taghhom xorta wahda kellu

jissussisti ghaliex id-dell ikrah mitfugh fuq id-ditta TBA Periti, li taghha huma socji, huwa direttament attribwibbli lilhom ukoll;

c. Il-fatti kif prezentati fl-Artiklu tal-appellat b'ebda mod ma gew prezentati b'mod veritjier, kemm mil-lat sostanzjali kif ukoll minn dak formali. Ghalhekk id-difiza tal-verita' tal-fatti u tal-*fair comment* sollevata mill-appellat ma kellhiex tigi milqugha mill-ewwel Qorti.

Mill-atti jirrizulta li:

i. Fl-1988 l-appellanti Prof. Alex Torpiano u Dr Dion Buhagiar iffurmaw bejniethom ditta ta' periti, registrata mal-Bord tal-*Warrant* tal-Periti, bl-isem TBA Periti[3];
ii. L-appellant l-iehor il-perit Dr. Marc Bonello inghaqad mad-ditta fl-1992 bhala socju[4];
iii. Fl-1997 l-Awtorita' kkummissjonat rapport minghand il-perit Buhagiar tat-TBA Periti dwar xoghol ta' tiswija fuq id-*Deep Water Quay* fil-Port il-Kbir, Valletta[5];
iv. Fl-1998 l-Awtorita' harget sejha ghal servizzi ta' perit biex isiru xoghlijiet ta' tiswija fuq il-moll imsemmi, ghal liema sejha d-ditta TBA Periti ssottomettiet offerta izda kien inghazel perit terz, liema nkarigu pero' baqa' ma giex espletat minn dak il-perit[6];
v. Fl-1999 il-perit Bonello sar il-Vici *Chairman* tal-istess Awtorita' u kien *ex officio chairman* ta' diversi kumitati fi hdanha: il-*Capital Projects Committee*, it-*Tender Formation Committee*, it-*Tender View Committee* u t-*Tender Awards Committee*[7];
vi. F'Novembru tal-1999 stess, l-Awtorita' harget sejha ohra ghal espressjoni ta' nteress biex isiru tiswijiet fuq l-istess moll fil-Port il-Kbir. TBA Periti u *Coastal Management Company Limited* konguntivament irregistraw l-interess taghhom ghal din is-sejha. Minhabba f'hekk il-perit Bonello jghid li gieb dan il-kunflitt ta' nteress mal-Awtorita' u fil-laqghat li saru fil-*Capital Projects Committee* wara l-gheluq tas-sejha ghall-offerti huwa ma baqax jattendi[8]. Din is-sejha giet eventwalment sospiza;
vii. Imbaghad minn April 2000 il-Perit Bonello nhatar *Chairman* tal-Awtorita';
viii. Fl-2001 l-Awtorita' regghet harget sejha ohra ghal registrazzjoni ta' nteress f'xoghlijiet ta' tiswija fuq l-istess moll[9]. TBA Periti konguntivament ma' *Coastal Management Company Limited* regghet irregistrat l-interess taghha li tkun kunsidrata ghal dan ix-xoghol. Minhabba f'hekk il-perit Bonello gab dan il-fatt ghall-

[3] Xhieda Prof. Torpiano a fol 13.
[4] Xhieda Dr Marc Bonello a fol 40.
[5] Xhieda Prof. Torpiano a fol 14 u 20.
[6] Xhieda Dr Marc Bonello a fol 40.
[7] Xhieda Dr Marc Bonello a fol 96.
[8] Xhieda Dr Marc Bonello a fol 43.
[9] Fol 19 - Kopja ta' dan l-avviz f'wahda mill-gurnali lokali.

attenzjoni tal-Bord. Din is-sejha rega' ma kellha ebda success ghax il-Kumitat ta' Evalwazzjoni kien deherlu li ghandu jkun hemm l-involviment ta' ditti barranin li kellhom esperjenza fit-tiswija tal-mollijiet[10];

ix. Fl-2002 harget sejha ohra mill-Awtorita' ghall-istess ghan li giet aggudikata lil socjeta' estera rapprezentata minn Perit Malti[11];

x. Fil-harga tal-15 ta' Gunju 2004 tal-gurnal *The Times,* l-appellat kiteb artiklu li wassal ghall-proceduri ta' libell u malafama mill-atturi llum appellanti. Dan l-artiklu jghid hekk:

***"Deep Water Quay tender***

*It seems that Marc Bonello (chairman of the Malta Maritime Authority) sees no conflict of interest if his firm TBA Periti by coincidence files a joint tender with CMC Ltd, one of MMA's contractors at that time and up till today. The tender was submitted to the same authority to which Dr. Bonello was vice-chairman and chairman of tendering committees. Of all the architectural firms in Malta, TBA choose CMC as its partners. Did CMC think it will have an advantage over the rest of the other tenderers if it files it[s] submissions with the vice-chairman's firm? Did TBA Periti think it will have an advantage over the rest having as one of its partners the vice-chairman of the tendering committee?*

*Notwithstanding the warning by Anglu Farrugia in Parliament to Dr. Bonello regarding his conflict of interest in connection with the submission by TBA Periti and CMC Ltd for the Deep Water Quay tender (The Malta Independent, April 17, 2000) still TBA Periti and CMC saw it fit to file another submission for the same tender in 2001 when Dr. Bonello was chairman and, hence, responsible for all capital projects including the Deep Water Quay.*

*The advert in the newspaper followed months of preparations by the capital projects department. The minutes of the project committee show clearly that since September 1999 the CPD was working on the documentation necessary for the issue of the tender including projected estimates of works in order to adjudicate the submissions. Dr. Bonello was present at all these meetings and surely aware of all details.*

*It seems that now Dr. Bonello is for the first time arguing that even the second tender of 2001 was filed by his partner only and not on behalf of TBA Periti. Was the TBA Periti letterhead also used in this case as was in the first tender and was Dr. Bonello's CV also part of the tender package?*

*There is a strange pattern in both tenders: first Dr. Bonello is involved in the preparation of the tender, then TBA Periti and CMC Ltd file the submission, then Dr. Bonello, after the opening of submissions, reveals to the MMA board that he has a conflict of interest in the tender and TBA Periti and CMC Ltd, having to support from their partner, decide to withdraw their tender.*

*How many other tenders or consultancies were TBA Periti involved in during Dr. Bonello's tenure of office as vice-chairman and chairman with the MMA? If TBA Periti applied twice for the same tender, surely there are other tenders for which TBA applied at least once.*

*Dr. Bonello knows very well that at least two weeks ago upon his request he asked that the sitting of the industrial tribunal be postponed. In fact, the sitting is now scheduled for July 26.*

[10] Xhieda Dr Marc Bonello a fol 45.
[11] Xhieda Dr Marc Bonello a fol 46.

*I am sure that Minister Censu Galea recalls that he has a permanent secretary at his ministry with the name Anthony Pavia. At least the director of contracts recalled under oath of having spoken to th permanent secretary informing him of the first tender and requesting him to take action and investigate. Did Mr. Pavia do anything? Or did the permanent secretary decide to remain passive, being aware of the fact that Dr. Bonello was to become chairman of the MMA in a month's time and that this would have distrupted the minister's coronation cermony?*

*Finally, I would like to raise two points. One, that the meeting with the minister did not take place only because he is abroad and, secondly, I have been speaking outside Parliament."*

## Kif intqal fis-sentenza **Perit Carmel Mifsud Borg vs Miriam Dalli et deciz fit-12 t'Ottubru 2016**[12] -

*"Il-gurisprudenza fuq il-libelli giet imwessa sewwa bis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Fenech pro et noe vs. Carmelo Callus**, deciza fl-4 ta' Frar 1994 mill-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:*

*"Il-posizzjoni tbiddlet fl-1987 ghaliex bl-Att XXIV ta' dik is-sena, illum Kap. 319, partijiet sostanzjali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani saru parti mill-Ordinament Malti u allura llum dawn il-Qrati mhux biss iridu jiehdu in konsiderazzjoni dak li hemm f'dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni li gew inkorporati izda wkoll il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani ghaliex minn dik is-sena – 1987 – kull min ihossu aggravat mis-sentenzi ta' dawn il-Qrati ghar-rigward tad-Drittijiet Umani u libertajiet fundamentali recepiti f'dik il-ligi, ghandu access ghal dik il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani."*

*F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell ikkwotat mill-**Handyside Case** (deciz fid-29 ta' April 1976) sabiex tispjega x'tifhem il-Qorti Ewropea bil-kliem tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

*"The Court's supervisory functions oblige it to pay the utmost attention to the principles characterising a "democratic society". Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions of its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". This means, amongst other things, that every "formality", "condition", "restriction" or "penalty" imposed in this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued.".*

*Din il-gurisprudenza wessghet sensibbilment l-area tal-legittimita' tad-dritt tal-espressjoni kif dik kienet delimitata mil-ligijiet u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, specjalment ghal dak li huwa d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-Istampa.*

*Pero' tajjeb li jinghad li anke qabel inghatat din is-sentenza ta' **Anglu Fenech vs Carmelo Callus** fl-1994, il-Qrati taghna kienu diga mixjin f'din id-direzzjoni. Fis-sentenza **L-Onorevoli Lorry Sant M.P. vs. Victor Camilleri et**, deciza in prim'istanza fid-29 ta' Novembru 1991, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk: "Dawn huma l-fatti centrali ta' "news value" li dwarhom giet mibnija l-istorja taz-zewg artikoli. Mhux kontestat mill-attur li dawn huma korretti. … … L-attur bazikament qed jilmenta li l-gurnal ta "slant" ingust lil dawn il-fatti fil-konfront tieghu, bil-hsieb li jaghmillu l-hsara. Dan jista' jkun veru u hu presumibbli li fil-politika, bhal f'partita boxing, id-daqqiet huma mahsuba generalment biex iwegghu, jew jaghtu vantagg politiku lill-avversarju, imma mhux b'daqshekk necessarjament ma jkunux "fair" jew legittimi. Dan ifisser li mhux kull meta*

[12] Rik 59/07, Qorti tal-Magistrati (Magistrat Marse-Ann Farrugia).

*artikolu jarreka dannu jew inkonvenjent lill-persuna li lejha jkun dirett, bil-fors dan ikun libelluz. Id-detto ingliz "facts are sacred but comment is free", ghalkemm kultant abbuzat u mhux dejjem facli biex tigi determinata l-linja ta' demarkazzjoni bejn il-fatt u l-kumment, ghandu hafna valur u fil-kaz in ezami jrid verament jigi applikat. … …*

*… … Fl-assjem taghhom, il-Qorti tqis li l-artikoli ma kienux mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-istima tal-attur f'ghajnejn il-pubbliku. Huma intizi biex jaghtu interpretazzjoni – anki jekk ghal kollox pregudikata u partigjana - ta' fatti "politici", anki jekk bi hsieb li jaghmlu hsara politika lill-attur u jgibu disgwid fil-kamp politiku oppost. Dan fil-fehma tal-Qorti, fil-limiti li ser jinghad aktar 'l isfel, hu esercizzju legittimu, anki jekk jista' jkun kontroproduttiv, jekk ma jsirx b'mod ghaqli u bilancjat. ... … F'dan l-apprezzament il-Qorti ttendi ghall-konvinciment illi ma jirriultax fl-artikoli l-animus injuriandi, il-"malicious intent", li trid il-ligi biex tigi eradikata b'success l-azzjoni ta' libell.*

*Il-Qorti hi tal-fehma illi l-principji fuq ennunzjati ghandhom jigu liberament applikati f'dawk il-kazijiet fejn:*

*1. Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta' pubblika;*

*2. Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku, anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika;*

*3. Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.*

*Il-Qorti, f'dawn il-kazijiet, ghandha tippermetti latitudni fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa, imma wkoll azzardata entro l-limiti acettati tad-decenza, permissibbli f'socjeta' demokratika. Dan ghaliex temmen li s-sanzjoni vera ghall-kritika ingusta jew ezagerata li tirrizulta bla bazi, hi finalment it-telf tal-kredibilita tal-persuna li tkun qed taghmel il-kritika. Il-qarrej ordinarju ghandu jigi kreditat b'sens komun bizzejjed li jaghraf il-kritika serja minn dik frivola jew azzardata, u minn dan li jingharaf il-gurnalizmu mill-iskart.*

*Mill-banda l-ohra hu ta' l-essenza tal-process demokratiku u tal-liberta' tad-dritt fondamentali tal-liberta tal-espressjoni permezz tal-istampa, id-dritt tal-analizi tal-fatti li jirrizultaw sostanzjalment veri u l-interpretazzjoni taghhom. L-istess bhal kritika, din l-analizi u interpretazzjoni tal-fatti issib in-nawfragju taghha fir-rigett tal-opinjoni pubblika, jekk tkun manifestament ingusta jew azzardata, b'mod li fatti sussegwenti kif jizvolgu ruhhom jismentixxu l-konkluzjonijiet tal-artikolista. Huwa hawn li l-persuna involuta li lejha tkun giet diretta l-kritika, issib ir-rivendikazzjoni taghha u takkwista statura fil-konfront ta' min ikun silet konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet zbaljati mill-fatti li jkunu sostanzjalment pruvati bhala veritjeri." (ara fl-istess sens is-sentenza* ***Mons. Anton Gauci vs. Michael Schiavone*** *nomine deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru 1995).*

L-argumenti tal-appellanti huma mibnija fuq il-premessa li l-artiklu tal-appellat in ezami huwa wiehed libelluz fil-konfront taghhom kollha, liema aspett fil-fehma tal-Qorti ghandu jigi ezaminat qabel kull kunsiderazzjoni ohra. Dan jinghad dejjem fl-isfond tal-principju rassodat li l-evalwazzjoni tal-provi tispetta lill-ewwel Qorti u mhuwhiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddisturba tali diskrezzjoni salv jekk jirrizulta xi zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti ser issofri ingustizzja. Il-Qorti tqis ukoll li, jekk mill-provi akkwiziti l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, *multo magis* bhal fil-kaz prezenti fejn l-ewwel Qorti semghet hi stess ix-xhieda

jixhdu *viva voce* u ghalhekk kellha l-beneficju tal-iskrutinju dirett ta' dawn ix-xhieda[13].

Minn dak li xehed l-appellant Torpiano[14], l-artiklu hu malafamanti ghal TBA Periti ghal diversi ragunijiet:

i. L-ewwel paragrafu ghax jaghti x'jifhem li TBA Periti u s-socji taghha kellhom xi nteress ulterjuri li jaghzlu lil CMC Ltd bhala s-socji taghhom;

ii. It-tielet paragrafu ghax jaghti x'jifhem li kien hemm xi diskussjonijiet dwar fees jew prezzijiet meta dan ma kienx il-kaz;

iii. Il-hames paragrafu ghaliex mhux minnu li TBA Periti u CMC rtiraw il-proposti taghhom u l-perit Bonello mhux talli ma hax sehem fid-diskussjonijiet talli t-tender inghata lil terzi persuni;

iv. Is-sitt paragrafu ghax jallega li TBA Periti ghamlet tentattivi kontinwi biex tiehu xi xoghol mill-Awtorita' Marittima meta dan mhuwhiex il-kaz;

v. L-ahhar parti tal-artiklu ghax tallega li persuna tkecciet mill-Awtorita' wara li zvelat kunflitt ta' nteress bejn TBA Periti u l-perit Bonello meta dan ma kienx minnu.

L-appellant Bonello irrefera ghal tlett aspetti ta' malafama[15]. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-awtur erronjament jallega dwaru li:

i. bhala vici *chairman* tal-Awtorita' Marittima u per konsegweza bhala *Chairman tal-Capital Projects Committee* huwa pprova jarreka xi vantagg lis-socju tieghu l-Prof. Torpiano;
ii. huwa kien responsabbli mit-tkeccija ta' Dr. Carmel Chircop, li kien meqjus bhala *whistle blower*, li kien ufficjal legali tal-Awtorita' Marittima;
iii. huwa appunta lill-periti tac-Cirkewwa-Imgarr *Terminal Project* li kienu ghamlu sottomissjonijiet mas-socji tieghu ghal konsulenza tad-*Deep Water Quay*.

Da parti tieghu l-appellat isejjes id-difiza tieghu fuq zewg binarji: (i) li l-artiklu nbena fuq fatti veri li graw (*exceptio veritatis*); u (ii) d-difiza tal-kumment gust. Inoltre, n-natura nfisha ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet tirrikjedi l-piz tal-prova fuq l-appellat biex juri li l-fatti attribwiti minnu fl-artiklu huma **sostanzjalment minnhom**.

---

[13] **Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech deciz fid-29 t'April 2016** (Cit Nru 423/04).
[14] Xhieda tal-10 ta' Novembru 2004 a fol 13 et seq.
[15] Xhieda tal-1 ta' gunju 2005 a fol 40 et seq.

Dwar <u>id-difiza tal-*exceptio veritatis*</u>, fil-kaz **Brian Ebejer vs Dennis Degiorgio deciz fid-29 ta' Settembru 2011**[16] il-Prim'Awla[17] qalet hekk -

*"Illi dwar id-difiża tal-verita' tal-fatti ("plea of justification"), irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbilta' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabilit li "in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified[18]."*

*Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. "A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages[19]".*

Dwar <u>id-difiza tal-kumment gust</u>, gurisprudenza sussegwenti ghal dik kwotata mill-ewwel Qorti[20], fosthom fil-kaz **Avukat Dr Lawrence Pullicino vs Victor Camilleri** deciza fit-28 ta' Marzu 2014[21] uriet li biex parti jkollha success fid-difiza tal-kumment gust,

*"mhux mehtieg, kif qalet l-ewwel Qorti, li l-fatti jkunu veri fil-kompletezza taghhom izda bizzejjed li jkunu <u>sostanzjalment</u> korretti. Fil-ktieb ta'* ***Gatley on Libel and Slander****, (pagna 707 et seq) jinghad li biex din id-difiza tkun tista' tigi sostnuta.*

*"1. It must be based on facts contained in or referred to in the publication complained of:*

*"2. The facts must be <u>sufficiently true</u> to make the comment fair:*

*"3. If the comment contains an imputation of corrupt or dishonest motives or perhaps any inference of fact the comment must be shown to be justifiable.*

*"4. The comment be such as fairly to be described as criticism.*

*"5. The comment must represent the honest opinion of the commentator and he produced it without malice."*

*(sottolinear ta' din il-Qorti)."*

Fl-artiklu kien hemm diversi fatti li sostanzjalment gew ippruvati. Jirrizulta li:-

---

[16] Cit Nru 2066/98.
[17] Imhallef J.R. Micallef.
[18] Carter-Ruck - *Libel and Slander* (3rd Edit.) pag. 86.
[19] Carter-Ruck op.cit. pag. 90.
[20] Pagna 7 tas-sentenza a fol 148.
[21] Cit 992/97.

i. Fl-1999 u fl-2001 saru mill-Awtorita' Marittima ta' Malta sejhiet pubblici ghal registrazzjoni ta' nteress biex jinghataw servizzi ta' konsulenza fir-rigward ma' xoghlijiet ta' tiswija fid-Deep Water Quay tal-Port il-Kbir;

ii. TBA Periti flimkien ma' kumpanija ohra (CMC Ltd) irregistrat l-interess taghha ghal din il-konsulenza[22];

iii. Fil-perjodu in kwistjoni, l-appellant Bonello kien socju ta' TBA Periti kif ukoll vici-*Chairman* (fl-1999) tal-istess Awtorita' u wkoll chairman tal-Capital Projects Committee[23]. Sussegwentement b'sehh mis-sena 2000, sar *Chairman* tal-Awtorita';

iv. Kien hemm kunflitt ta' nteress f'dawn iz-zewg istanzi tant li Dr Bonello jsostni li kien iddikjara tali kunflitt. Fiz-zmien li saret l-ewwel sejha (1999), Dr Bonello kien Chairman tal-Capital Projects Committee. Skont Dr Bonello dan il-Kumitat kien iddecieda li johrog, *"... a call for registration of interest u nirrepeti call for registration of interest, jigifieri din semplicement hija sejha ghal min hu nteressat, sabiex jikteb lill-Awtorita', jaghti company profile, u jghid jiena nteressat illi jekk inthom tridu inkunu nistghu nibbidjaw 'l quddiem biex naghmlu dan ix-xoghol"* (fol. 43). Zied ukoll li huwa ma baqax jattendi ghal laqghat tal-Kumitat wara li gie nfurmat mill-perit Torpiano bl-offerta li kienet ser issir.

Veru li, kif qeghdin jghidu l-appellanti, hemm xi skorrettezzi ta' fatt, izda kif kompliet tghid il-Qorti fil-kaz appena citat **Avukat Dr Lawrence Pullicino vs Victor Camilleri** –

*"...mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirrizulta li mhux veru, ghandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruhha meta ssir hsara ghar-reputazzjoni ta' dak li jkun; jista' jkun li dak li jkun ippubblikat ma jkunx "fair", izda dan ma jfissirx necessarjament li dik il-pubblikazzjoni tkun ingurjuza ghad-dinjita` ta' dik il-persuna."*

F'dan ir-rigward fir-rikors tal-appell issemma **<u>biss fatt wiehed</u>** li gie rappurtat hazin; *"Fatt determinanti li gie irrapurtat hazin huwa li ma kienx hemm sejha ta' tenders izda biss ta' expressions of interests"*. Ma ssemmewx fatti ohra. Il-qorti ma taqbilx li r-riferenza ghat-tender hu fatt determinanti. L-artiklu kien intiz biex jikkritika kif matul iz-zmien li Dr Bonello kien jokkupa karigi fl-Awtorita', id-ditta li kien socju taghha kienet wahda mill-offerenti ghall-ghoti ta' konsulenza. Il-qorti tifhem li fatt bhal dak kien ser jispicca taht il-lenti tal-konvenut, li xehed li fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-artiklu kien il-kelliem tal-opposizzjoni ghal dak li jirrigwarda l-qasma marittimu (fol. 78). Kinitx l-applikazzjoni ghall-*expression of interest* jew tender, mhuwiex krucjali. Dan apparti l-fatt li l-Awtorita' stess fl-avviz li ppubblikat f'gazzetta lokali (, inkludiet b'ittri kbar il-kelma ***"TENDER"***.

---

[22] Id-dettal ta' min avvicina lil min hija rrilevanti ghax bhala fatt, dak li jghodd hu li TBA Periti accettat li tinghaqad ma' CMC Ltd ghal dan il-ghan.

[23] Skond ma xehed Dr Bonello, kien dan il-Kumitat li ghamel is-sejha ghall-espressjoni ta' nteress (fol. 44)

Hemm fatti ohra li ssemmew fl-artiklu li pero' ma gewx pruvati mill-konvenut. Dawn huma:

i. **Li kien wara li nfethu l-offerti** li Dr Bonello kien iddikjara mal-Bord tal-Awtorita, li kellu kunflitt ta' nteress.
ii. Kien wara li Dr Bonello ddikjara l-kunflitt ta' nteress, li TBA Periti u CMC Ltd, irtirat l-offerta.

Fatti li pero' l-appellanti m'ghamlux riferenza ghalihom fir-rikors tal-appell. Madankollu u f'kull kaz, dawn il-fatti ma jistghux jigu kkunsidrati b'mod izolat ghall-kumplament tal-kontenut tal-artiklu, li evidentement hu ntiz bhala kritika ghal fatt li fiz-zmien li Dr Bonello kien jokkupa karigi f'awtorita pubblika, id-ditta ta' periti li fiha kien socju kienet qeghda titfa' offerti biex tinghata xoghol mill-Awtorita.

Fir-rikors tal-appell jinghad ukoll li l-appellat ma semmiex li matul iz-zmien li Dr Bonello kien jokkupa kariga fl-Awtorita, TBA Periti qatt ma nghatat xi tender mill-Awtorita. F'dan ir-rigward fl-artiklu jinghad:

*"How many other tenders or consultancies were TBA Periti involved in during Dr Bonello's tenure of office as vice-chairman and chairman with the MMA ? If TBA Periti applied twice for the same tender, surely there are other tenders for which TBA applied at least once".*

Pero' f'din il-parti tal-artiklu, l-awtur kien pjuttost qieghed jaghmel argument. Pjuttost il-qorti tqies din il-parti tal-artiklu bhala *value judgment*.

F'kull kaz, dan kollu ma jxejjinx il-verita' sostanzjali tal-fatt kif riprodott mill-appellat fl-artiklu mpunjat u cioe' li d-ditta li potenzjalment setghat tigi aggudikata l-konsulenza, kienet id-ditta ta' periti li fiha kien socju l-perit Bonello. Inoltre, l-fatt li l-hlas kien ser isir skont it-tariffa tal-periti u mhux b'rati ohra huwa rrilevanti. Il-kritika ma kellhiex x'taqsam mal-hlas izda mal-kwistjoni ta' kunflitt ta' nteress.

Dwar id-difiza tal-kumment gust l-appellat kien xehed hekk[24]:

*"Jiena fil-kapacita' tieghi bhala politiku u membru fil-parlament, hassejt illi ghandi nikkritika lil Dr Mark Bonello li zgur li fiz-zmien li jiena ktibt l-artiklu u fiz-zmien li dan l-artiklu gie ppubblikat, huwa kien qed jokkupa kariga pubblika fi hdan l-awtorita' marittima ta' Malta. Ghalhekk jiena hassejt illi certament kelli bhala politiku, nikkummenta dwar il-fatt li zgur, fuq il-fatti hekk kif imressqa lili, kien hemm kunflitt ta' nteress per eccellenza li persuna minn naha qed tokkupa kariga f'awtorita' u minn naha 'l ohra, tapplika ghal tender b'ditta ta' periti li hija msiehba fiha. Dan jien inhoss li jikkostitwixxi 'fair comment'.*

*In oltre ghandu jinghad, u din hija mill-aktar sorprendenti, ghad li t-tendering process ta' 1999 gie sospiz….l-istess cirkustanzi regghu irrepetew ruhhom aktar 'il quddiem. Fis-sena 2001 rega' hareg tender iehor ghall-istess progett. Hawn regghu applikaw id-ditta ta' periti TBA ta' Dr Mark Bonello. Din id-darba Mark Bonello kien issa jokkupa l-kariga ta' chairman tal-awtorita'…*

[24] Affidavit a fol 79.

*Nemmen li kien ukoll fair comment ghalija li nerga' nikkummenta fuq dab ghad li din id-darba Mark Bonello jghid li nforma lil Bord bil-kunflitt ta' nteress tieghu. Fil-fatt fl-artiklu tieghi dan il-fatt ukoll semmejtu u kkumplimentajtu b'certu osservazzjonijiet li deherli opportun.*

*Jekk wiehed jifli sew l-artiklu miktub minni jirrizulta bic-car illi fejn issemmiet id-ditta tal-Periti, jiena semmejtha biss biex nispjega dan il-kunflitt ta' nteress hawn fuq spjegat u mhux b'mod dirett."*

Mehud in konsiderazzjoni d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni, ma jidhirx li l-osservazzjonijiet u l-mistoqsijiet li saru mill-awtur joltrepassaw il-limiti tal-kumment gust. Fl-epoka in ezami l-appellant Bonello kien jokkupa kariga gholja f'awtorita' pubblika u ghaldaqstant dan jirrendih persuna pubblika esposta ghall-iskrutinju pubbliku[25]. Hija ghalhekk meqjusa legittima u permissibbli l-kritika tal-awtur dwar it-trasparenza u l-kunflitt ta' nteress ta' Dr. Bonello fil-vicenda gialadarba fl-istess zmien li kellu karigi f'awtorita pubblika kien ghadu *partner* tad-ditta TBA Periti. Huwa evidenti li l-kritika tal-appellat fil-kitba tieghu tmur lil hinn mis-semplici fatt li Bonello astjena mill-process tal-ghazla tas-sejhiet pubblici tal-Awtorita', izda hija mmirata li tohloq ukoll dibattitu dwar l-implikazzjonijiet ta' dan l-istess kunflitt ta' nteress.

Ghal dik li hi kritika tal-appellat li tirreferi ghad-ditta TBA Periti, huwa pacifiku li l-periti appellanti Torpiano u Buhagiar ma ssemmewx b'isimhom. Jghidu sewwa l-appellanti li fil-principju ngurja xorta tista' tiskatta jekk il-kummenti malafamanti jkunu diretti lejn persuna li ghalkemm mhux indikata b'isimha hija xorta identifikabbli. Pero' dan ma jirrizultax li sehh fil-kaz tal-lum. L-artiklu tal-appellat mehud fl-assjem tieghu juri li r-referenza ghad-ditta in kwistjoni saret fil-kuntest –

(i) Ta' kritika ndirizzata lil Dr Bonello li kien socju fid-ditta TBA periti u fl-istess hin jokkupa karigi gholjin fl-Awtorita;
(ii) tal-effetti li dan il-kunflitt ta' nteress seta' kellu;

F'dan is-sens allura d-ditta TBA Periti ma setatx tahrab minn dan l-iskrutinju.

Imbaghad, u specifikatament dwar ir-riferenza fl-artiklu ghall-kaz tat-Tribunal Industrijali, l-argumenti tal-appellanti huma wkoll infondati. Il-Qorti, l-istess bhal dik fil-prim istanza, ssib li l-kumment fl-artiklu in ezami ghal dan il-fatt,

---

[25] Fil-kaz **Salumaki v Finland deciz fid-29 t'April 2014 il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem** qalet hekk **-** *"48. The limits of permissible criticism are wider as regards a politician than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lay themselves open to close scrutiny of their words and deeds by journalists and the public at large, and they must consequently display a greater degree of tolerance (see, for example, Lingens v. Austria, cited above, § 42; Incal v. Turkey, 9 June 1998, § 54, Reports of Judgments and Decisions 1998-IV; and Castells v. Spain, 23 April 1992, § 46, Series A no. 236).* ***Similar considerations apply also to persons in the public eye*** *(see Fayed v. the United Kingdom, 21 September 1994, § 75, Series A no. 294-B; Steel and Morris v. the United Kingdom, no. 68416/01, § 94, ECHR 2005-II; and contrast with Von Hannover v. Germany, no. 59320/00, § 65, ECHR 2004-VI; and MGN Limited v. the United Kingdom, no. 39401/04, § 143, 18 January 2011)."*

ma jaghti ebda hjiel ghal min u ghal liema kaz qieghed jirreferi b'dana li huwa ferm improbabbli li l-qarrej ordinarju seta jifhem x'rilevanza kellha mas-suggett li dwaru nkiteb l-artiklu.

L-istess jinghad ghall-allegazzjoni tal-appellant Bonello li l-artiklu qieghed jimplika li huwa kien appunta lill-periti tac-Cirkewwa-Imgarr *Terminal Project* li kienu ghamlu sottomissjonijiet mas-socji tieghu ghal konsulenza tad-*Deep Water Quay*. Mill-artiklu oggett tal-kawza, dan l-aspett ma jirrizultax.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul